# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa**
**Disgħa u Għoxrin (29) ta' Novembru 2024**

**Rikors Numru 658/2020FDP**

Fl-ismijiet

**Western Co. Limited (C 19994)**

**Vs**

**Brian Darmanin (K.I: 721652M) u Rosanne Darmanin Galea (K.I: 180767M)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 31 ta' Lulju 2020 li permezz tiegħu s-soċjeta' rikorrenti talbet s-segwenti:

    1. *Illi s-soċjeta' attriċi hija kreditriċi tal-konvenuti f'diversi somom rappreżentanti prezz ta' vettura Volvo V40 bin-numru ta' reġistrazzjoni RBO 901, vettura Peugeot 206 bin-numru ta' reġistrazzjoni FBR 283 u dgħajsa tal-marka Beneteau ta' 43 pied, ilkoll mibjugħa u kkonsenjati lill-konvenuti pero mhux imħallsa.*

    2. *Illi l-konvenuta, għalkemm interpellata biex tħallas dawn l-ammonti baqgħet moruża.*

    3. *Illi l-esponent jaf b'dawn il-fatti personalment.*

    *Għaldaqstant is-soċjeta' attriċi titlob umilment li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

1. *Tiddikjara illi l-konvenuti huma debituri tas-soċjeta' attriċi f'somma li trid tiġi likwidata minn din il-Qorti rappreżentanti prezz ta' vettura Volvo V40 bin-numru ta reġistrazzioni RBO 901, vettura Peugeot 206 bin-numru ta' reġistrazzjoni FBR 283 u dgħajsa tal-marka Beneteau ta' 43 pied, ilkoll mibjugħa u kkonsenjati lill-konvenuti pero mhux imħallsa.*

2. *Tillikwida l-ammont dovut mill-konvenuti lis-soċjeta' attriċi.*

3. *Tikkundanna lill-konvenuti jħallsu lis-soċjeta' attriċi s-somma hekk likwidata.*

*Bl-ispejjeż inkluż l-ittri uffiċjali a tenur ta' l-artikolu 166A tal-Kap. 12 datati 8 ta' Ġunju 2020 li ġew kontestati, mandat ta' sekwestru ippreżentat kontestwalment u l-imgħax u l-konvenuti inġunti in subizzjoni.*

2. Rat illi fil-11 ta' Frar 2021, il-konvenuta Rosanne Darmanin Galea laqgħet għal dak mitlub billi qajjmet is-segwenti difiża:

1. *Illi fl-ewwel lok tiddikjara ruħha notifikata bir-rikors ġuramentat odjern kif ukoll bl-avviż ta' l-appuntament għas-seduta tat-tnax (12) ta Frar 2021, fid-09:00 am.*

2. *Illi fit-tieni lok, tiddikjara illi l-imsemmi żewġha Brian Darmanin ġie nieqes nhar it-tnejn (2) ta' Ġunju tas-sena elfejn u għoxrin (2020), u l-esponenti hija l-eredi assoluta ta' l-istess Brian Darmanin, u dan kif ser jirriżulta waqt is-smigħ tal-kawża, per konsegwenza l-imsemmi Brian Darmanin għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju.*

3. *Illi preliminarjament jiġi dikjarat illi l-azzjoni attriċi odjerna hija preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2156 (f) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, u inoltre tiddikjara bil-ġurament tagħha illi hija ma' tafx, mhix debitriċi u ma tiftakarx illi l-kreditu imsemmi ma ġiex imħallas:*

4. *Illi, preliminarjament ukoll, l-azzjoni attriċi hija perenta, ai termini ta' l-Artikolu 542 tal-Kap. 13 tal-Liġijiet ta' Malta.*

5. *Illi sekondarjament u bla preġudizzju għar-risposti preċedenti, l-ammonti reklamati fl-azzjoni odjerna tħallsu fl-intier, anzi inoltre tħallsu in eċċess tat-talba stante li kien hemm ħlas in eċċess fis-somma ta' elf, seba' mija u disgħin Ewro u erbgħa u għoxrin ċenteżmi, (€ 1790.24), kif ser jirriżulta waqt is-smigħ tal-kawża, u in vista ta' dan l-esponenti qiegħda tipprevalixxi ruħha mid-dritt tagħha ai termini ta' l-Artikolu 396 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u tippreżenta l-kontro-talba tagħha.*

6. *Illi bla preġudizzju għar-risposti suindikati, la l-esponenti, u lanqas il-mejjet żewġha, flimkien jew waħidhom qatt ma għamlu xi kuntratt ta' akkwist ta' xi dgħajsa tal-marka Beneteau ta' tlieta u erbgħin (43) pied, mas-soċjeta' attriċi, kif allegat, u għalhekk l-iskrittura ppreżentata u mmarkata bħala Dok 'C' mar-rikors odjerna hija falza, stante illi l-firem*

*fuq l-imsemmija skrittura m'humiex ta' Brian Darmanin u lanqas ta' l-esponenti, u għalhekk huma firem foloz, u dan kif ser jirriżulta waqt is-smigħ tal-kawża.*

7. *Illi bla preġudizzju għar-risposti suindikati, l-esponenti u l-mejjet żewġha fil-fatt, akkwistaw l-imsemmija dgħajsa, u dan fis-sena elfejn u tlettax (2013), mingħand terzi, u mhux mingħand is-soċjeta' attriċi, u l-prezz tagħha tħallas kollu lil dawn it-terzi, u dan kif ser jirriżulta waqt is-smigħ tal-kawża.*

8. *Illi għalhekk, ma hemm l-ebda ammonti dovuti lis-soċjeta' attriċi, kif allegat.*

9. *Illi għalhekk l-azzjoni attriċi hija nfondata kemm fil-fatt, kif ukoll bħala dritt, u għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż kontra is-soċjeta' attriċi.*

10. *Salv, risposti ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż kontra s-soċjeta attriċi, minn issa nġunta għas-subizzjoni.*

3. Rat illi fil-11 ta' Frar 2021, il-konvenuta Rosanne Darmanin Galea ppreżentat kontro talba fejn talbet is-segwenti:

    1. *Illi permezz ta' skrittura datata it-tnejn u għoxrin (22) ta' Jannar tas-sena elfejn u għaxra (2010), l-esponenti flimkien mal-mejjet żewġha Brian Darmanin, iffirmaw kuntratt ta' akkwist mas-soċjeta' rikonvenzjonata, ta' vettura tal-marka Volvo V40, bin-numru ta' reġistrazzjoni RBD-901, bil-prezz pattwit ta' disat elef, seba' mija u tlieta u tmenin Ewro ( € 9783.00), u li kellhom jitħallsu f'rati mensili kif indikat fl-imsemmija skrittura, (eżebita annessa ma' Dok 'A', fir-rikors ġuramentat promutur).*

    2. *Illi permezz ta' skrittura oħra datata it-tnax (12) ta' Ġunju tas-sena elfejn u sitta (2006), l-esponenti waħidha (pero gia fiż-żwieġ ma' Brian Darmanin), iffirmat kuntratt ta' akkwist mas-soċjeta' rikonvenzjonata ta' vetura tal-marka Peugeot 206, bin-numru ta' reġistrazzjoni BBR-284, (indikat erroneament fl-iskrittura privata msemmija) bil-prezz pattwit ta' ħdax-il elf, ħames mija u tletin Ewro u erbgħin ċenteżmi (€ 11,530.40) dak iż-żmien erbat elef, disa' mija u ħamsin liri maltin (Lm 4950.00), u li s-somma ta' mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgħa u disgħin ċenteżmi (€ 232.94), dak iż-żmien, mitt lira maltija (Lm100) tħallsu mal-kuntratt, fil-waqt li l-bilanċ kellu jitħallas f'rati mensili kif indikat fl-imsemmija skrittura (eżebita annessa ma' Dok 'B', fir-rikors ġuramentat promutur).*

    3. *Illi għalhekk, l-esponenti, flimkien ma' żewġha kellhom jagħtu lis-soċjeta' rikonvenzjonata s-somma totali ta' wieħed u għoxrin elf, tlett mija u tlettax-il Ewro u sebgħa u sebgħin ċenteżmi (€ 21, 313.77), bħala bilanċ, għall-akkwist taż-żewġ (2) vetturi.*

    4. *Illi l-esponenti, flimkien ma' żewġha, separatament u/jew flimkien ħallsu lis-soċjeta' rikonvenzjonata, is-somma ta' tlett elef, mija u sebgħa u tmenin Ewro (€3187.00), għar-rigward il-vettura Volvo V40, bin-numru*

*ta' reġistrazzjoni RBD-901, kif ukoll ħallset lis-soċjeta' rikonvenzjonata flimkien ma' żewġha, separatament u/jew flimkien is-somma ta' dsatax-il elf, disa' mija u sbatax-il Ewro (€ 19,917), għar-rigward il-vettura Peugeot 206, bin-numru ta' reġistrazzjoni BBR-284, u dan kif ser jirriżulta waqt is-smigħ tal-kawża.*

5. *Illi għalhekk, l-esponenti, flimkien ma' żewġha, separatament u/jew flimkien ħallsu lis-soċjeta' rikonvenzjonata s-somma totali ta' tlieta u għoxrin elf, mija u erba' Ewro (€ 23,104), għall-akkwist taż-żewġ (2) vetturi.*

6. *Illi għalhekk, l-esponenti ħallset flimkien ma' żewġha, separatament u/jew flimkien, lis-soċjeta' rikonvenzjonata, is-somma ta' elf, seba' mija u disgħin Ewro u erbgħa u għoxrin ċenteżmi, (€1790.24), in eċċess ta' dak illi kellhom iħallsu lis-soċjeta' rikonvenzjonata.*

7. *Illi għalhekk, is-soċjeta' rikonvenzjonata, għandha tirrifondi, lill-esponenti s-somma ta' elf, seba' mija u disgħin Ewro u erbgħa u għoxrin ċenteżmi, (€1790.24), ammont imħallas żejjed, kif indikat.*

8. *Illi għalhekk kellha ssir din il-kontro-talba.*

*Għaldaqstant jogħġobha:*

*L-esponenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti:*

1. *Tiddikjara illi l-esponenti flimkien ma' żewġha, separatament u/jew flimkien ħallsu lis-soċjeta rikonvenzjonata s-somma totali ta' tlieta u għoxrin elf, mija u erba' Ewro (€ 23,104) għall akkwist taż-żewġ (2) vetturi; u ;*

2. *Tiddikjara illi l-esponenti ħallset għalhekk flimkien ma' żewġha, separatament u/jew flimkien, lis-soċjeta' rikonvenzjonata, is-somma ta' elf, seba' mija u disgħin Ewro u erbgħa u għoxrin ċenteżmi, (€ 1790.24), in eċċess, ta' dak illi kellhom iħallsu lis-soċjeta rikonvenzjonata; u;*

3. *Konsegwentement, tikkundanna lis-soċjeta' rikonvenzjonata tħallas is-somma ta' elf, seba' mija u disgħin Ewro u erbgħa u għoxrin ċenteżmi. (€ 1790.24), lill-esponenti, ammont imħallas in eċċess, kif indikat.*

*Bl-ispejjeż u bl-imghaxijiet mill-preżentata ta' din il-kontro-talba, kontra s-Soċjeta' rikonvenzjonata, skont il-liġi.*

4. Rat id-dokumentazzjoni ippreżentata mis-soċjeta' attriċi flimkien mal-atti msemmija.

5. Rat illi fis-seduta tat-13 ta' Mejju 2021 is-soċjeta' rikorrenti spjegat illi stante illi l-mertu tal-kontro-talba hu l-istess bħal mertu tat-talba odjerna, m'għandhiex eċċezzjonijiet xi tressaq għajr li tagħmel referenza għat-talba tagħha stess.

**Provi**

6. Semgħet ix-xhieda mogħtija minn **Charles Bianco** fis-seduta tad-29 ta' Settembru 2021 u rat id-dokumentazzjoni eżebita minnu (fol 36-54).

7. Semgħet ix-xhieda mogħtija minn **Conrad Pisani** fis-seduta tat-12 ta' Jannar 2022 (fol 56-62).

8. Semgħet ix-xhieda mogħtija minn **Charles Bianco** fis-seduta tal-31 ta' Ottubru 2022 u rat id-dokumentazzjoni eżebita minnu (fol 68-83).

9. Rat illi fis-seduta tal-31ta' Ottubru 2022 is-soċjeta' rikorrenti ddikjarat illi m'għandhiex aktar provi x'tippreżenta għajr li tippreżenta *statement* tal-Volvo V40 u tal-Peugeot 206.

10. Semgħet ix-xhieda mogħtija minn **Charles Bianco** fis-seduta tal-31 ta' Jannar 2023 u rat d-dokumentazzjoni eżebita minnu (fol 85-95).

11. Rat illi fis-seduta tal-31 ta' Jannar 2023 is-soċjeta' rikorrenti kkonfermat illi m'għandiex aktar provi.

12. Rat in-nota ppreżentata minn Rosanne Darmanin Galea fl-4 ta' April 2023, kontenenti l-affidavit tagħha u ta' Alexander Arena u rat id-dokumentazzjoni annessa mal-affidavit ta' Alexander Arena (fol 97-222).

13. Semgħet ix-xhieda mogħtija minn **Charles Bianco** fis-seduta tat-13 ta' Lulju 2023 u rat id-dokumentazzjoni eżebita minnu (fol 224-235).

14. Semgħet ix-xhieda mogħtija minn **Charles Bianco** fis-seduta tat-18 ta' Jannar 2024 u rat id-dokumentazzjoni eżebita minnu (fol 238-247).

15. Rat illi fis-seduta tat-30 ta' April 2024 il-konvenuta ddikjarat illi m'għandhiex aktar provi xi tressaq.

16. Rat illi fis-seduta tat-30 ta' April 2024 il-kawża ġiet differita għas-sottomissjonijiet tas-soċjeta' rikorrenti bil-miktub.

17. Rat illi fis-seduta tat-13 ta' Ġunju 2024 il-kawża ġiet differita għas-sentenza

18. Rat illi fis-seduta tal-14 ta' Novembru 2024 il-kawża ġiet differita għas-sentenza.

## Fatti tal-każ

19. Jirriżulta illi s-soċjeta' qiegħda permezz ta' din il-kawża tallega illi l-konvenuti huma debituri fil-konfront tagħha u dan f'diversi somom rappreżentanti prezz ta' vettura Volvo V40 bin-numru ta' reġistrazzjoni RBO 901, vettura Peugeot 206 bin-numru ta' reġistrazzjoni FBR 283[1] kif ukoll dgħajsa tal-marka Beneteau ta' 43 pied, ilkoll mibjugħa u kkonsenjati lill-konvenuti.

[1] Illi fil-kontro-talba, l-rikonvenzjonanti Rosanne Darmanin Galea tgħid illi n-numru ta' reġistrazzjoni tal-Volvo V40 huwa RBD 901 u li dak tal-Peugeot 206 kien erronjament indikat fl-iskrittura privata stante illi n-numru ta' reġistrazzjoni huwa dak BBR 284. Illi b'referenza għad-dokumenti a fol 83 u fol 87-90 jidher illi n-numru ta' reġistrazzjoni tal-Volvo V40 huwa RBD 901 u mhux kif indikat fir-rikors ġuramentat RBO 901

20. Jirriżulta illi permezz ta' skrittura datata 22 ta' Jannar 2010, is-soċjeta' attriċi biegħet l-imsemmija vettura tal-marka Volvo V40 bin-numru ta' reġistrazzjoni RBO 901[2] versu l-prezz ta' disgħa t'elef, sebgħa mija u tlieta u tmenin Ewro (€ 9783); liema somma kellha titħallas lura mill-konvenuti f'pagament ta' mija u tlieta u ħamsin Ewro u ħamsa u tmenin ċenteżmu (€153.85) għal 84 xahar konsekuttivi inkluż l-ispejjeż amministrattivi u liċenzji.

21. Jirriżulta illi permezz ta' skrittura datata 12 ta' Ġunju 2006, is-soċjeta' attriċi biegħet l-vettura l-oħra tal-għamla Peugeot 206 bin-numru ta' reġistrazzjoni FBR 283[3] versu l-prezz ta' erbat elef, disgħa mija u ħamsin liri Maltin (Lm 4950). Illi minn din is-somma tħallset mitt lira (Lm 100) u l-bilanċ kien ta' erbat elef, tmien mija u ħamsin liri Maltin (Lm4850); liema somma kellha titħallas lura mill-konvenuti f'pagament ta' wieħed u sebgħin lira u ħamsa u tmenin ċenteżmu (Lm 71.85) fix-xahar għal 96 xahar konsekuttivi, jinkludu wkoll trasferimenti u liċenzji tal-vettura.

22. Jirriżulta illi permezz ta' skrittura datata 13 ta' Ottubru 2009, is-soċjeta' attriċi biegħet id-dgħajsa tat-tip Beneteau ta' 43 pied versu l-prezz ta' mija u sitt elef Ewro (€ 106,000), liema depożitu ta' tmien t'elef Ewro (€ 8000) kellu jitħallas sal-14 ta' Ottubru 2009 u l-bilanċ ta' tmienja u disgħin elf Ewro (€98,000) kellu jitħallas f'pagament ta' tmien mija u ħamsin Ewro (€ 850) kull 30 ġurnata ta' kull xahar b'imgħax ta' 8%.

23. Jirriżulta illi s-soċjeta' ssostni illi l-konvenuti allavolja interpellati sabiex iħallsu dawn l-ammonti baqgħu morużi.

24. Jirriżulta illi s-soċjeta' attriċi bagħtet lill-konvenuti żewġ ittri datati 8 ta' Ġunju 2020 ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, fejn f'waħda minnhom talbet il-ħlas ta' sitt elef, disa' mija u tlieta u tmenin Ewro u sittin ċenteżmu (€ 6983.60) u fl-ittra uffiċjali oħra ntalbet is-somma ta' sebat elef u ħames mitt Ewro u għoxrin ċenteżmu (€ 7500.20).

25. Jirriżulta illi l-konvenut Brian Darmanin ġie nieqes fit-2 ta' Ġunju tas-sena 2020, ossia qabel li ġiet intavolata l-kawża.

26. Jirriżulta illi l-konvenuta qiegħda ssostni illi l-ammonti tħallsu fl-intier tagħhom anzi tħallsu in eċċess tat-talba stante illi hemm ħlas in eċċess ta' elf, seba' mija u disgħin Ewro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (€ 1790.24).

27. Jirriżulta illi l-konvenuta tallega wkoll illi la hi u lanqas żewġha ma kienu għamlu kuntratt ta' akkwist tad-dgħajsa Beneteau mas-soċjeta' attriċi u għalhekk l-iskrittura ppreżentata u mmarkata bħala Dok 'C' mar-rikors promutur hija falza stante illi l-firem fuq l-iskrittura mhumiex tagħha u ta' żewġha Brian Darmanin.

28. Jirriżulta illi l-konvenuta ssostni illi d-dgħajsa kienet inxtrat minn terzi u mhux mingħand is-soċjeta' attriċi.

**Ikkunsidrat**

**L-eċċezzjoni preliminari tal-konvenuta Rosanna Darmanin Galea illi l-azzjoni attriċi hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2156(f) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**

[2] Vide referenza supraċitata
[3] Vide referenza supraċitata

29. Il-konvenuta teċċepixxi illi l-azzjoni attriċi hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2156 (f) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

30. Il-Qorti ser tibda billi tirriproduċi t-test ta' dan l-Artikolu. L-Artikolu 2156(f) jipprovdi illi:

> "2156. *L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' ħames snin:*
>
> *(f) l-azzjonijiet għall-ħlas ta' kull kreditu ieħor li ġej minn operazzjonijiet kummerċjali jew minn ħwejjeġ oħra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skont din il-liġi jew liġijiet oħra, taħt preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirriżulta minn att pubbliku".*

31. Illi qabel tistħarreġ din l-eċċezzjoni tal-konvenuta, l-Qorti ser tagħmel referenza għal dak li jipprovdi l-Artikolu 2160 (1) tal-Kap 16:

> *"2160. (1) Il-preskrizzjonijiet imsemmija fl-artikoli 2147, 2148,2149, 2156 u 2157, m'għandhomx effett jekk il-partijiet li jeċċepuhom, ma jagħtux ġurament minn jeddhom waqt il-kawża li mhumiex debituri, jew li ma jiftakrux jekk il-ħaġa ġietx imħallsa"*

32. Il-Qorti tqis illi dak li jirrikjedi l-Artikolu supraċitat ġie onerat min-naħa tal-konvenuta stante illi fir-risposta ġuramentata tagħha hija stess tiddikjara kif ġej: *"inoltre tididikjara bil-ġurament tagħha illi hija ma tafx, mhux debitriċi, u ma tiftakarx illi l-kreditu imsemmi ma ġiex imħallas"* (fol 22).

33. Stabbilit dan, il-Qorti ser tgħaddi sabiex tanalizza din l-eċċezzjoni.

34. Illi referenza ser issir għall-iskrittura privata datata 22 ta' Jannar 2010 relattiva għall-bejgħ tal-vettura tat-tip Volvo V40 bin-numru ta' reġistrazzjoni RBO 901, li tinsab a fol 5 tal-proċess. Illi permezz ta' din l-iskrittura l-konvenuta flimkien ma' żewġha kienu ntrabu illi jħallsu l-vettura mibjugħa lilhom f'pagament ta' mija u tlieta u ħamsin Ewro u ħamsa u tmenin ċenteżmu (€153.85) għal 84 xahar konsekuttivi inkluż l-ispejjeż amministrattivi u liċenzji.

35. Illi b'hekk fid-dawl taż-żmien mogħti mis-soċjeta' attriċi sabiex isir il-ħlas ossia, 84 xahar, ekwivalenti għal 7 snin, il-Qorti tqis illi s-sena rilevanti hija dik tal-2017.

36. Illi stante illi kif jidher a fol 4 tal-proċess, ġiet ippreżentata ittra uffiċjali ai termini tal-Artikolu 166A fit-8 ta' Ġunju 2020 u l-kawża ġiet intavolata fil-31 ta' Lulju 2020.

37. Għaldaqstant, għal dak li għandu x'jaqsam mal-iskrittura privata u l-ħlas rispettiv tal-Volvo V40, l-azzjoni attriċi mhijiex waħda preskritta.

38. Referenza ser issir issa għall-iskrittura privata datata 12 ta' Ġunju 2006 relattiva għall-bejgħ tal-vettura Peugeot 206, bin-numru ta' reġistrazzjoni FBR 283 li tinsab a fol 7 tal-proċess, fejn il-konvenuta u żewġha kienu ntrabu li jħallsu s-somma mensili ta' wieħed u sebgħin lira u ħamsa u tmenin ċenteżmu (Lm 71.85), ekwivalenti għal mija u sebgħa

u sittin Ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€ 167.37) fix-xahar għal 96 xahar, ossia 8 snin.

39. Illi b'hekk f'dan il-każ, il-Qorti tqis illi s-sena relevanti ai fini tad-dekorriment tal-preskrizzjoni hija s-sena 2014.

40. Il-Qorti tosserva illi s-soċjeta' attriċi kienet intavolat ittra uffiċjali ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kap 12 ukoll fit-8 ta' Ġunju 2020 u ntavolat il-kawża odjerna fil-31 ta' Lulju 2020. Għaldaqstant, jidher illi ż-żmien preskrittiv ta' ħames snin, hekk kif provdut fl-Artikolu 2156(f) kien għadda.

41. Madanakollu, l-Qorti tosserva illi mill-prospett anness mal-affidavit ta' Alexander Arena, li huwa relattiv għall-pagamenti tal-vettura tat-tip Peugeot 206 li jinsab a fol 112-113 u mill-istatements li jinsabu eżebiti u minn fol 114-204, jidher illi l-konvenuta kienet baqgħet tagħmel il-pagamenti u infatti l-aħħar pagament kien dak datat 2 ta' Lulju 2018.

42. Għaldaqstant, stante illi l-konvenuta baqgħet volontarjament tagħmel il-pagamenti allura ma tistax targumenta illi l-azzjoni għall-ħlas tal-Peugeot 206 hija waħda preskritta.

43. Għal dak li għandu x'jaqsam mal-iskrittura privata relattiva għad-dgħajsa Beneteau, l-iskrittura privata relattiva hija dik a fol 8 tal-proċess. Illi din hija datata 13 ta' Ottubru 2009, fejn il-konvenuta flimkien ma' żewġha kienu obbligaw ruħhom illi jħallsu lis-soċjeta' attriċi s-somma ta' mija u sitt Ewro (€ 106,000), illi sussegwentament għall-ħlas ta' depożitu l-bilanċ kien dak ta' tmienja u disgħin elf Ewro (€ 98,000), liema somma l-konvenuta u żewġha kienu obbligaw ruħhom illi jħallsu f'pagament ta' tmien mija u ħamsin Ewro (€ 850) kull 30 ġurnata ta' kull xahar. Illi in oltre, fl-istess skrittura hemm imniżżel illi *"x-xerrej jaċċetta 172 numru ta' pagamenti li għandhom jiġu skuntati kull waħda fl-uffiċju tal-bejjiegħ"*. Dan ifisser għalhekk illi din is-somma kellha titħallas fuq medda ta' erbatax-il sena (14) u għalhekk l-azzjoni attriċi għall-ħlas ta' dan id-debitu ma tistax titqies bħala waħda preskritta.

44. Għaldaqstant, u in vista ta' dak kollu delineat hawn fuq, l-eċċezzjoni tal-konvenuta illi l-azzjoni attriċi hija waħda preskritta ai termini tal-Artikolu 2156 (f) tal-Kap 16 qiegħda tiġi miċħuda.

**L-eċċezzjoni preliminari tal-konventa illi l-azzjoni attriċi hija perenta ai termini tal-Artikolu 542 tal-Kap 13 tal-Liġijiet ta' Malta**

45. Il-Qorti ser tgħaddi sabiex tagħmel referenza għall-Artikolu tal-liġi msemmi mill-konvenuta fl-eċċezzjoni tagħha, li jipprovdi hekk:

> *"542. Bla ħsara tad-dispożizzjonijiet tal-artikoli 238, 239 u 263, l-azzjonijiet li ġejjin minn kambjali jew minn biljetti negozjabbli jew promissory notes, jaqgħu bil-preskrizzjoni wara ħames snin minn dak in-nhar li jagħlqu, u l-azzjonijiet li ġejjin minn tratti jew cheques fuq bankiera jew kaxxiera jaqgħu bil-preskrizzjoni wara ħames snin mid-data tagħhom."*

46. Il-Qorti tosserva illi allavolja fl-ittri uffiċjali ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kap 12 eżebiti a fol 4 u 6 tal-proċess hemm imniżżel illi s-somma dovuta hija *"rappreżentanti*

*import ta' kambjali li mmaturaw",* fl-iskritturi privati ppreżentati, ossia dawk datati 22 ta' Jannar 2010, 12 ta' Ġunju 2006 u 13 ta' Ottubru 2009 ma hemm ebda aċċenn għall-kambjali. Illi fl-iskrittura privata relattiva għall-bejgħ tad-dgħajsa Beneteau, l-kelma kambjali ġiet addirittura maqtugħa u sostitwita b'kelma oħra.

47. In oltre, l-Qorti tinnota wkoll illi waqt is-smiegħ tal-kawża fl-ebda mument ma ġew ippreżentati xi kambjali. B'hekk, ladarba l-kreditu allegat mis-soċjeta' attriċi ma kienx wieħed illi jsir tramite l-ħlas ta' kambjali, allura l-eċċezzjoni sollevata mill-konvenuta ai termini tal-Artikolu 542 tal-Kap 13 tal-Liġijiet ta' Malta ma tistax tintlaqa' stante illi l-Artikolu tal-liġi surreferit mhuwiex applikabbli għall-kawża in deżamina.

**Meritu tal-każ**

48. Il-Qorti sejra l-ewwel u qabel kollox tirrileva illi s-soċjeta' attriċi intavolat din il-kawża kontra Brian Darmanin u Rosanne Darmanin Galea u din il-kawża ġiet intavolata fil-31 ta' Lulju 2020.

49. Illi għal dak li għandu x'jaqsam ma' Brian Darmanin, hekk kif dikjarat mill-konvenuta stess fir-risposta ġuramentata tagħha u hekk kif muri fiċ-ċertifikat tal-mewt anness a fol 102, Brian Darmanin ġie nieqes fit-2 ta' Ġunju tas-sena 2020 u għalhekk qabel ma ġew intavolati dawn il-proċeduri. Infatti, ġustament, ir-risposta ġuramentata saret biss f'isem il-konvenuta Rosanne Darmanin Galea.

50. Għaldaqstant, hija evidenti illi l-azzjoni tas-soċjeta' rikorrenti ma kellha qatt tinfetaħ fil-konfront tiegħu.

51. Il-Qorti ser tagħmel referenza għas-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Kenneth Tanti vs Bridget Grixti et***[4] fejn il-Qorti tenniet is-segwenti:

> *"15. Niġu għat-tieni kwistjoni, u ċjoè dik li tirrigwarda l-fatt li l-konvenut Anthony Busuttil kien mejjet sa minn qabel ma ġiet istitwita din il-kawża. Filwaqt li l-konvenuti James u Zerafa jiffokaw l-attenzjoni tagħhom fuq il-konsegwenzi li dan il-fatt għandu jkollu fuq ir-risposta ġuramentata, il-Qorti jidhrilha li loġikament għandha tippreokkupa ruħha wkoll mill-effetti li dan l-istess fatt jista' jkollu fuq ir-rikors ġuramentat li bih inbdiet din il-kawża.*
>
> *16. Saret talba fil-mori tas-smigħ tal-kawża mill-werrieta ta' Anthony Busuttil sabiex l-atti jiġu leġittimati f'isimhom, liema talba ġiet miċħuda b'dikriet ieħor mogħti fl-10 ta' Mejju 2024, billi d-dispożizzjonijiet tal-artikoli 806 u 810A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jirregolaw mewt jew bdil ieħor li jseħħ matul il-kawża, u mhux qabel ma l-kawża tkun saħanistra bdiet.*
>
> *17. Fil-ġurisprudenza ġie deċiż li n-nullità hija l-konsegwenza li sseħħ fejn isir att f'isem persuna mejta (ara, per eżempju, Joseph Muscat vs. Georgina Saydon et, Prim'Awla, 30/5/2002; Carmela Farrugia et vs. JIT Trading Limited, Appell Inferjuri, 17/4/2009). Fuq kollox, l-artikolu 787(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jgħid:*

[4] Deċiża in parte mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Ottubru 2024 - Rik.Numru: 1255/2023

*787.(1) Kull att ġudizzjarju li jsir minn persuna jew kontra persuna inkapaċi li toqgħod f'kawża u li ma tkunx awtorizzata regolarment għaldaqshekk, huwa null.*

*18. Issa m'hemmx dubju li persuna mejta hija inkapaċi li toqgħod f'kawża, u għalhekk hija l-liġi stess li tippreskrivi n-nullità fil-konfront ta' rikors ġuramentat li jsir kontra persuna mejta. B'danakollu, il-Qorti m'għandhiex tgħaddi biex tiddikjara dak l-att null mingħajr ma tara sewwa x'jipprovdi l-artikolu 789 tal-Kodiċi preċitat. Fl-ewwel subinċiż ta' dik id-dispożizzjoni nsibu hekk:*

*789.(1) L-eċċezzjoni ta' nullità tal-atti ġudizzjarji tista'tingħata –*
*(a) jekk in-nullità hija iddikjarata mil-liġi espressament;*
*…*

*Iżda dik l-eċċezzjoni ta' nullità kif maħsuba fil-paragrafi (a), (ċ), u (d) ma tkunx tista' tingħata jekk dak in-nuqqas jew vjolazzjoni jkunu jistgħu jissewwew taħt kull dispożizzjoni oħra tal-liġi.*

*19. Fil-fehma ta' din il-Qorti, in-nuqqas in kwistjoni jista' u għandu jiġi sanat bl-applikazzjoni tal-artikolu 175(1) tal-Kodiċi ritwali, li jippermetti anki tibdil u sostituzzjoni fl-ismijiet tal-partijiet. Bidla li ma hija se taffettwa bl-ebda mod is-sostanza tal-azzjoni.*

*20. Il-Qorti tirrileva li l-korrezzjoni ma tkunx vjetata meta taffettwa l-eċċezzjonijiet b'mod indirett. Il-bidla sostanzjali fl-eċċezzjoni li hija vjetata mill-artikolu 175 hija dik il-bidla li ssir direttament fuq dawk l-eċċezzjonijiet, u mhux dik li taffettwahom b'mod indirett għax twassal biex jiġu sorvolati. Il-liġi tgħid li dik il-bidla għandha titħalla ssir «sakemm sostituzzjoni jew tibdil bħal dan ma jbiddilx fis-sustanza l-azzjoni jew l-eċċezzjoni fuq il-meritu tal-kawża», u mhux «sakemm sostituzzjoni jew tibdil bħal dan ma jolqotx jew ma jaffettwax fis-sustanza l-azzjoni jew l-eċċezzjoni fuq il-meritu tal-kawża» (enfażi u sottolinear miżjud mill-Qorti.)*

*21. Fi kliem ieħor, huma vjetati bidliet sostanzjali fl-eċċezzjonijiet, u mhux bidliet li jolqtu jew jaffettwaw b'mod sostanzjali dawk l-eċċezzjonijiet. Fid-deċiżjoni Nobbli Pasquale Waldemar dei Baroni Sciberras Trigona vs. George Beck ne (Appell Superjuri, 7/2/1938) intqal: «Illi ma jagħmilx differenza l-fatt li korrezzjoni ta' l-isem u tal-kwalità tal-konvenut intalbet wara li dan kien ġa eċċepixxa l-illeġittimità tal-persuna tiegħu u talab il-liberazzjoni, għaliex kif ġie osservat fl-imsemmija sentenza tal-1924 u 1926: "la legge nel permettere simili correzioni in qualunque tempo prima della sentenza, ha dovuto prevedere che in tale intervallo l'errore sia stato denunciato dalla parte avversa senza che per ciò solo sia inibita nei congrui casi la facoltà alla Corte di ordinare o permettere la correzione». Fl-istess sens hija d-deċiżjoni Francis Butigieg vs. Paul Laferla ne (Appell Inferjuri, 28/1/1961) 11. Fid-deċiżjoni Elisabeth Anne Calabrese vs. Ersilia Bigeni (Appell Kummerċjali, 12/12/1994) ġie osservat:*

*Id-diffikultà li ġeneralment tinħoloq fl-applikazzjoni ta' dan l-artikolu taġġira dejjem madwar din il-limitazzjoni; fil-każ preżenti il-pretensjoni ta' l-appellanti illi t-tibdil ordnat mill-Qorti 'biddel, fis-sustanza l-eċċezzjoni'; Huwa ovvju li din il-limitazzjoni ma tapplikax meta l-eċċezzjoni tkun proprju tindika l-iżball li jiġi korrett – sakemm dik il-bidla ma tbiddilx is-sustanza ta' l-azzjoni. Dan huwa ovvju għaliex m'huwiex ġuridikament konformi illi bidla tista' ssir jekk, ma ssirx eċċezzjoni imma ma tistax issir, jekk tingħata l-eċċezzjoni. Il-qofol qiegħed fil-preċisazzjoni li timporta l-kelma 'fis-sustanza'. Din tindika li kull bidla li ssir trid tkun bidla ta' xi dettal ta' xi ħaġa marġinali, inċidentali, imma mhux materja ta' sustanza jew li taffettwa s-sustanza.*

*22. Tal-istess fehma kienet il-Qorti tal-Appell meta ġiet konfrontata b'sitwazzjoni simili għal dik trattata preżentement. Fid-deċiżjoni Bank of Valletta plc vs. Angela Mizzi et (Appell Superjuri, 29/3/2023) intqal hekk:*

*17. Għandu jingħad mal-ewwel li, din il-Qorti ma taqbilx mal-aggravju tal-intimati appellanti. Għalkemm huwa minnu li l-Artikolu 787(1) tal-Kap. 12, jipprovdi li att ġudizzjarju mressaq kontra persuna li mhix kapaċi toqgħod f'kawża ma jiswiex u huwa ovvju li persuna mejta ma tistax toqgħod f'kawża, peress li l-mewt iġġib fi tmiem ilkapaċità ġuridika ta' persuna, madankollu, id-drittijiet u ddmirijiet ta' persuna li tmut jgħaddu għal fuq il-werrieta, sabiex proċess ġuridiku interrott bil-mewt ta' persuna, jgħaddi permezz tat-trasfużjoni tal-ġudizzju għal fuq ilwerrieta. Hekk ukoll, ta' min wieħed jinnota li għalkemm l-Artikolu 789(1) jipprovdi li l-eċċezzjoni ta' nullità tal-atti ġudizzjarji tista' tingħata fost affarijiet oħra jekk in-nullità hija ddikjarata mil-liġi espressament, madankollu l-istess proviso tal-Artikolu 789 jipprovdi li l-eċċezzjoni ta' nullità ma tkunx tista' tingħata jekk dak in-nuqqas jew vjolazzjoni jkunu jistgħu jissewwew taħt kull dispożizzjoni oħra talliġi. Permezz ta' dan il-proviso, m'hemmx dubju li lleġiżlatur qiegħed jagħmel referenza għall-Artikolu 175 tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*23. Fl-istess sens huma wkoll id-deċiżjonijiet Franmar Limited vs. Rev. Fr. Joseph Bartolo pro et noe et (Prim'Awla, 1/12/2020) u Cranes and Commercial Sales Limited vs. Carmelo Buhagiar et (Prim'Awla, 4/2/2016).*

*24. Peress li mill-atti l-Qorti jirriżultalha min huma l-werrieta ta' Anthony Busuttil, se tkun qed tordna b'applikazzjoni tal-artikolu 175 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li isem Anthony Busuttil jitneħħa mill-okkju tal-kawża u minfloku jidħlu isem il-werrieta tiegħu, u ċjoè Christopher Busuttil u Stephen Busuttil, li għandhom jiġu notifikati bir-rikors ġuramentat kif korrett.*

*25. U bl-istess mod, la r-risposta ġuramentata saret f'isem Anthony Busuttil meta dan kien diġà mejjet, isegwi li dik ir-risposta ġuramentata ma tiswix sa fejn saret f'ismu. Però tiswa sa fejn saret f'isem il-konvenuti l-oħrajn indikati fuq dak l-att, billi kull konklużjoni diversa tkun biss qed twassal biex dawk il-konvenuti l-oħrajn jiġu ipprivati mill-jedd tagħhom ta' smigħ xieraq minħabba żball li fil-verità ma wassal għal ebda preġudizzju fil-konfront tal-konvenuti James u Zerafa."*

52. Il-Qorti tosserva illi fil-kawża odjerna ma saret l-ebda talba mis-soċjeta' rikorrenti sabiex issir korrezzjoni fir-rikors ġuramentat ai termini tal-Artikolu 175 tal-Kap 12. Illi min-naħa l-oħra l-Qorti tinnota wkoll illi fir-risposta ġuramentata tagħha l-konvenuta ssemmi li żewġha ġie nieqes fit-2 ta' Ġunju 2020, illi hija l-eredi universali tiegħu u li per konsegwenza l-imsemmi Brian Darmanin għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju.

53. Illi kif korrettament ġie tenut fis-sentenza supraċitata, huwa evidenti illi persuna mejta mhux kapaċi li toqgħod f'kawża, għaldaqstant il-Qorti tqis illi l-azzjoni attriċi fil-konfront ta' Brian Darmanin hija waħda nulla.

54. Illi ġjaladarba, r-risposta ġuramentata saret mill-konvenuta f'isimha biss u ġjaladarba l-konvenuta fl-istess risposta tiddikjara illi hija l-eredi universali tal-mejjet Brian Darmanin, il-Qorti ser tgħaddi sabiex tanalizza jekk il-pretensjoni tas-soċjeta' rikorrenti hijiex waħda meritata fil-konfront tal-konvenuta Rosanne Darmanin Galea.

55. Illi permezz tal-kawża odjerna, s-soċjeta' rikorrenti qiegħda titlob sabiex din l-Qorti tiddikjara illi l-konvenuti huma debituri fil-konfront tagħha f'ammont illi din il-Qorti qiegħda tiġi mitluba tillikwida, rappreżentanti prezz ta' vettura Volvo V40, vettura oħra Peugeot 206 u dgħajsa tal-marka Beneteau ta' 43 pied.

56. Illi l-Qorti ser tibda l-analiżi tagħha billi tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet ***Steve Agius vs Carmel sive Charles Deguara***[5], fejn il-Qorti provdiet kif ġej:

> *"34. Primarjament, għandu jiġi mfakkar illi l-mertu tal-kawża odjerna, li fuqu qed jiġu bbażati t-talbiet, jiċċentra ma' pretensjoni ta' kreditur, cioe r-rikorrent Steve Agius, għal ħlas mingħand debitur, cioe l-intimat Carmel Deguara.Ġie ritenut fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet Rosario Cortis vs Angelo Farrugia et :*
>
> *Fir-rigward tar-raba' aggravju tal-konvenuti appellanti, jitqies xieraq li jiġi mfakkar li l-oneru tal-prova f'kawża fejn kreditur qiegħed jippretendi ħlas mingħand id-debitur, huwa proprju fuq l-attur. Kif osservat mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Il-Kaptan Stojsic Branislav v. Philip Degiorgio et (kkonfermata minn din il-Qorti fil-25 ta' Jannar, 2023):*
>
> *"Bħala kreditu imiss lill-attur li jipprova l-ħolqien tad-debitu, li dan id-debitu għadu dovut u li d-debitur baqa' inadempjenti fil-ħlas. Hu biss meta tiġi mwettqa u sodisfatta din il-prova li mbagħad il-piż tal-prova jdur fuq il-konvenut li jallega l-ħlas. Dan skont il-prinċipju li kulħadd għandu jipprova l-allegazzjonijiet tiegħu:*
>
> *"Qua kreditriċi, l-attriċi hi fid-dmir li tipprova li jeżisti debitu, li dan id-debitu għadu dovut, u li d-debitriċi tagħha baqgħet inadempjenti fil-ħlas. Hu biss meta tiġi realizzata u sodisfatta din il-prova illi mbagħad l-oneru jisposta fuq il-konvenuti debituri li jallegaw il-pagament. Dan il-prinċipju għandu l-fondament tiegħu fuq il-bażi li kulħadd għandu jipprova l-allegazzjonijiet tiegħu. Kif deċiż, 'fil-każ ta' konflitt serju bejn il-kontendenti fuq il-provi*

[5] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Settembru 2024-Rik. Numru: 954/2021

*nkombenti rispettivament lilhom, ċioe`, l-attur l-esiġibilita` u l-konvenut is-soluzzjoni tad-debitu, in-nuqqas tat-tieni ma tikkolmax il-lakuna probatizzja tal-ewwel u jibqa' dejjem jimpera l-prinċipju actore non probante reus absolvitur - Manuel Zerafa – vs Nazzareno Muscat Scerri, Qorti Ċivili, Prim' Awla, per Imħ. Maurice Caruana Curran, 27 ta' Mejju 1970".*

57. Illi fix-xhieda mogħtija minn Charles Bianco fid-29 ta' Settembru 2021, kif ukoll fix-xhieda mogħtija minn Conrad Pisani, impjegat mal-istess soċjeta' rikorrenti mogħtija fit-12 ta' Jannar 2022, jiġi spjegat illi Brian Darmanin flimkien mal-konvenuta kienu xtraw mingħand is-soċjeta' rikorrenti żewġ vetturi : waħda tal-marka Volvo u oħra tal-marka Peugeot kif ukoll dgħajsa tal-għamla Beneteau u li dawn kellhom jitħallsu f'pagamenti fi żmien stipulat.

58. Illi fl-istess xhieda tad-29 ta' Settembru 2021 Charles Bianco jippreżenta a fol 41-48 statement tal-ammont dovut fuq id-dgħajsa tat-tip Beneteau. Dan l-istess statement, Charles Bianco jerġa' jeżebih fix-xhieda tiegħu mogħtija fil-31 ta' Ottubru 2022 a fol 70-77, filwaqt illi l-statements relattivi għall-vetturi Volvo u Peugeot ġew ippreżentati mill-istess Charles Bianco fix-xhieda tiegħu mogħtija fil-31 ta' Jannar 2023, liema statements jinsabu a fol 87-95.

59. Illi l-Qorti tosserva illi mhux ikkontestat mill-konvenuta illi hija flimkien ma' żewġha kienu akkwistaw il-vettura tat-tip Peugeot 206 u l-vettura tat-tip Volvo V40 mingħand is-soċjeta' rikorrenti u li l-prezz kellu jitħallas f'rati mensili kif indikat fl-iskritturi ppreżentati mir-rikorrenti flimkien mar-rikors ġuramentat tagħha. Madanakollu, l-konvenuta tikkontesta li qatt għamlu kuntratt ta' akkwist tad-dgħajsa tat-tip Beneteau mas-soċjeta' rikorrenti.

60. Il-Qorti ser tibda billi tagħmel l-analiżi tagħha dwar il-kwistjoni tad-dgħajsa Beneteau billi tagħmel referenza għall-iskrittura privata relattiva għal din l-istess dgħajsa. Din l-iskrittura tinsab a fol 8, 49 u 78 tal-proċess u hija datata 13 ta' Ottubru 2009.

61. Il-Qorti tosserva illi fl-affidavit tagħha l-intimata tgħid is-segwenti:

*"Jiġifieri mhux veru li qatt aħna fis-sena 2009 konna xtrajna il-Boat Beneteau mingħand Western, u li kellna bilanċ ta' € 98,000 xi ntuh, u dan peress illi l-boat konna xtrajniha mingħand Delceppo fis-sena 2012 u ġiet irreġistrata f'isem Brian fi Frar 2013, u ċioe' aktar minn tlett snin minn dakinhar li skont Bianco suppost aħna xtrajniha l-Boat mingħandu. Jien nikkonferma d-dokumenti mmarkati Dok AA1, AA2 u AA3 annessi mal-affidavit ta' Alexander Arena, dwar l-akkwist u r-reġistrazzjoni ta' l-istess boat".*

*(fol 99)*

62. Illi fl-affidavit tiegħu Alexander Arena jgħid:

*"Lejn l-aħħar tas-sena 2012, ġiet opportunita' lil Brian illi jakkwista l-boat li dejjem xtaq u ċioe' tal-għamla Beneteau 43, u fil-fatt sab waħda bl-isem ta' '4 US', li kienet sorġuta il-Kalkara Boat Yard. Niftakar li kien innegozja din il-boat bi tpartit tal-boat oħra li kellu, 'Golden Hind', ma' l-aħwa Delceppo tal-Kalkara Boat Yard Company Limited, u effettivament din il-sailing boat*

*kien akkwistaha mingħandhom nhar is-17 ta' Diċembru 2012, u l-kuntratt ġie rreġistrat ma' Transport Malta nhar l-14 ta' Frar 2013 (Dok AA1 sa AA3). Din kienet l-aħħar boat li kellu Brian sa ma' miet fis-sena 2020. Jien saħansitra kelli ċ-ċwievet ta' din il-boat, peress li lili kien jafdani ħafna. Jien ukoll kont l-uniku wieħed illi nsuq din il-boat apparti hu stess. Żgur illi Brian qatt ma akkwista xi boat oħra ta' l-istess għamla mingħand xi ħaddieħor għaliex kieku jien kont inkun naf. Jien naf illi t-tpartita li għamel ma' Delceppo, kienet tinvolvi it-trasferiment tal-Golden Hind lilhom, kif ukoll somma flus li ma niftakarx eżatt kemm kienet. Dan nafu għaliex qaluli l-istess Brian dik il-ħabta. Pero' jien mija fil-mija ċert li boats oħra Brian ma' kellux, peress li dan il-hobby konna nagħmlu flimkien"*

*(fol 104)*

63. Vis a' vis il-bejgħ ta' din id-dgħajsa tat-tip Beneteau, Charles Bianco fix-xhieda tiegħu in kontro-eżami jispjega s-segwenti:

*"Dr Errol Cutajar :*
*Mela l-klijenta tiegħi qed tgħid illi hi boat minn għandek qatt ma xtrat imma xtratha mingħand ħaddieħor ... minghand Delceppo u ġiet irreġistrata snin wara ... madwar tlieta (3) ... erba' (4) snin wara.*

*Ix-Xhud :*
*Ħa ngħidlek jiena dejn żammejt tagħha. Dak iż-żmien Alla jaħfirlu kien hemm Charles Richard ...*

*Dr Errol Cutajar :*
*X 'jiġifieri żammejt dejn ?*

*Ix-Xhud :*
*Jien iddiscountjajt l-ammont li kellha ... illi kelli nieħu. Jiġifieri jien ikun hemm persuna xtrat karozza mingħand ħaddieħor ... għandu jtih lil dak ... ġie xtara mingħandi naqbad u niddiscountja l-bills tagħhom jiġi fl-istess ħin qed inpartat nagħmlu trade bejnietna ...*

*Dr Errol Cutajar :*
*Insa l-karozza għall-mument ...*

*Ix-Xhud :*
*Jien fuq id-dgħajsa qed ngħidlek ... fuq id-dgħajsa qed inkellmek ...*

*Dr Errol Cutajar :*
*Mhux qed nitkellmu fuq il-karozza ... ejja nitkellmu fuq il-boat. Inti bigħejtilhom boat lill-konjuġi Darmanin ?*

*Ix-Xhud :*
*Iva ... iva ... iva ... li aħna għaddejna dak l-ammont. In fatti ... in fatti min kien Charles Richard li għamel dan in-negozju ... għax jiena nqassam ħafna xogħol kemm karozzi 'l hawn u 'l hemm ... nimportaw ħafna u nqassmu lid-dealers kollha ... importaturi. Jien x' nagħmel ... meta jbiegħu jew iġibu l-*

*kambjali jew iġibu l-flus allura jkollna rendikont magħhom dawn in-nies. Issa f' dal-każ ġab dil-persuna ... ġabu, iffirmaw kollox ... iva dak l-ammont huwa dovut. In fact hi kienet sorpriża meta jiena għidtilha isma' kif ħa nagħmlu fuq dak l-ammont ? U meta għidtilha dak id-diskors qaltli jien qatt ma kellna boat ... għidtilha sejra żball ... għidtilha iċċekkja imbagħad kienet ċemplitli hi. U qaltli iva ... iva ... qaltli iva sibtha l-boat. U kont għidtilha isma' għax ma tagħmilx biċċa xogħol ... għax ma tqabbadx lil xi ħadd jivvalutahielek. U hi marret għamlet il-valuation tal-boat.*

...

*Il-Qorti :*
*Jiġifieri ħa nifhem ftit. Il-boat inti biegħejtha ?*

*Ix-Xhud :*
*No ... no ... in-negozju ... in-negozju sar hekk ... il-boat dan qed jgħidlek Delceppo li qed tgħidli inti ... jien m'għandix x'naqsam ma' Delceppo ... jien żammejt il-bills tal-Beneto ...*

*Il-Qorti :*
*Mela ieqaf ftit ...*

*Ix-Xhud :*
*Għax hu kellu jħallas il-wieħed u d-dejn żammejnieh dirett aħna.*

*Il-Qorti :*
*Mela ha naqbad din il-karta li tajtni int istess u għandi miktub ix-xerrej ... allura jiena qed nifhem*

*Ix-Xhud :*
*Iva ...*

*Il-Qorti :*
*Mela qiegħed jixtri mingħand il-bejjiegħ ... Beneto 43.*

*Ix-Xhud :*
*Eżatt.*

*Il-Qorti :*
*Le x'eżatt ... minuta ilu għadek kif għidt li ma xtarax mingħandek.*

*Ix-Xhud :*
*Sorry Sur Imħallef.*

*Il-Qorti :*
*Għax mhux qed nifhem ...*

*Ix-Xhud :*

*Għax ... mela ħa ngħidlek Sur Imħallef jiena x' inhu xogħli ? Jekk jiena din id-dgħajsa kienet jixtriha ... dana kellu sailing boat oħra u dak xtara dgħajsa oħra ... id-dgħajsa ...*

*Dr Errol Cutajar :*
*Stenna naqra ... meta qed tgħid kellu sailing boat oħra min ?*

*Ix-Xhud :*
*Hu.*

*Dr Errol Cutajar :*
*Hu min Darmanin ?*

*Ix-Xhud :*
*Dan Darmanin ... dak kellu sailing boat oħra qabel u neħħiha din il-boat imbagħad daħħal boat oħra. Meta kien hemm din il-boat, jiena rajtha din il-boat ... żammejna ... xtrajniha aħna ... daqs li kieku xtrajniha aħna u kellu jagħti lilna għaliex ? Għax awtomatikament dan għamel negozju ma' dan il-persuna kien Charles Richards ... għamlu x'għamlu ... aħna ġie għandna, iffirma kollox magħna ... biegħejnihielu dirett aħna ... biegħejnihielu dirett tagħna u jaf lilna fuq l-ammont li għandu jtina. Jiġifieri għalhekk iffirmaw il-kuntratt biex il-flus indaħħluhom aħna għax inkella hekk niġu skoperti aħna.*

*Dr Errol Cutajar :*
*Iġifieri l-boat kienet tiegħek ?*

*Ix-Xhud :*
*Il-boat qatt ma kienet tagħna personali.*

*Dr Errol Cutajar :*
*Ta' min kienet ta' dan Charles Richard ?*

*Ix-Xhud :*
*Charles Richard ... kienet fil-pussess jew għamlu negozju bejniethom. Jien meta aħna jiġi bniedem u partatna karozza jien ... miegħek u l-kambjali awtomatikament jgħidli imma din ta' karozza Peugeot 107 jew dgħajsa so and so ... ngħidlu all right ... ngħidlu mela dik id-dgħajsa trid tkun favur tagħna ... all right mela ejja nagħmlu kuntratt jien qed inbiegħ lilek u jiġu l-karti u jien niddiscountja ...*

*Dr Errol Cutajar :*
*Jiġifieri ara hux nifhem sewwa ...*

*Ix-Xhud :*
*Jiena fl-istess ħin ikunu ħriġt il-flus u rrid niġborhom ... jekk dan il-persuna għandu jagħti lilek ... int ħadt dan id-dejn favur tiegħi ...*

*Il-Qorti :*
*Sinjur, inti fuq din id-dgħajsa qatt irreġistrat xi mortgage ? Għax din dgħajsa.*

*Ix-Xhud :*
*Le ma nistgħux nirreġistrawha ... lanqas regulation ma nistgħu nirreġistraw fuqha le.*

*Il-Qorti :*
*Ma tistax tirreġistra.*

*Ix-Xhud :*
*Le ... le jien m' iniex bank.*

*Dr Errol Cutajar :*
*Mela ara iniex nifhem tajjeb ...*

*Il-Qorti :*
*Ma tistax tirreġistra mortgage ?*

*Ix-Xhud :*
*Le ... le ma nistax ... jien m' iniex bank.*

*Dr Errol Cutajar :*
*Mela skond inti jiġi dan Darmanin u jgħidlek jiena ħa nixtri din il-boat ... sibt din il-boat naqblu ?*

*Ix-Xhud :*
*Iva.*

*Dr Errol Cutajar :*
*U ġab lil dan Richard miegħu ...*

*Ix-Xhud :*
*Iva.*

*Dr Errol Cutajar :*
*Issa il-boat f'dak il-mument ta' min kienet ? Ta Richards jew tiegħek ?*

*Ix-Xhud :*
*Ħa ngħidlek dakinhar jiena rajtha ... aħna żammejna fil-pussess aħna d-dgħajsa ... id-dgħajsa rajniha u żammejnieha daqs li kieku ...*

*Il-Qorti :*
*U din id-dgħajsa fejn qiegħda ?*

*Ix-Xhud :*
*Dik aħna morna u ċċekkjajna ... qiegħda fil-baħar. Hi ma kinitx taf li qiegħda fil-baħar ... il-Kalkara konna rajniha.*

...

*Dr Errol Cutajar :*
*Inti ħallast xi ħaġa dakinhar lil Richard ?*

*Ix-Xhud :*
*U żgur kellu jtini Richard qtajthomlu mill-kontijiet li kellu jagħtini wkoll ... qtajnieh u qattajna mill-kontijiet li kellu jtina.*

*Dr Errol Cutajar :*
*Iġifieri inti Richard kellu jtik lilek propjament ?*

*Ix-Xhud :*
*Richard kellu ammont dovut lilna naqblu ...*

*Dr Errol Cutajar :*
*Ma nafx int trid tgħidli.*

*Ix-Xhud :*
*Issa meta partu bejniethom ...*

*Dr Errol Cutajar :*
*Inti taf x'inti tgħid ...*

*Ix-Xhud :*
*Meta partu bejniethom ... meta partu bejniethom ġie Brian Darmanin qalli Charl ... ħa niffirmalek id-dokumenti tiegħek ... għidtlu iva ħa nara d-dgħajsa ... rajtha d-dgħajsa ... għax jien rajtha d-dgħajsa ... il-Beneto rajtha ... għidtlu mela d-dgħajsa nixtruha aħna naqblu ... mela xtrajniha aħna. Iġifieri inti għandek tagħti lilna ... iva ... ikkommetta ruħu ...*

*Dr Errol Cutajar :*
*Dik l-iskrittura li hemm hemm hekk li għadek kif esebejt issa hija propjament skrittura fejn Brian Darmanin skont inti ...*

*Ix-Xhud :*
*Għandu jagħti lilna ...*

*Dr Errol Cutajar :*
*Tini ċans ... xtara l-boat mingħand Richard ...*

*Ix-Xhud :*
*Ehe.*

*Dr Errol Cutajar :*
*Richard kellu jagħti lilek u d-dejn li kellu Richard għadda fuq Brian Darmanin.*

*Ix-Xhud :*
*Brian ġie ... aħna żammejna d-dgħajsa ... Brian ġie u ffirma biex l-ammont li għandu jagħti fuq id-dgħajsa jtih lilna that's all.*

*Dr Errol Cutajar :*
*Issa ... issa pero Brian Darmanin qatt ma xtara boat mingħandek ?*

*Ix-Xhud :*
*No … no jien il-flus … il-flus għandna nieħduhom … dan sar bejn Richard u hu … aħna għandna nieħdu dawk il-flus u rridu niġbru dawk il-flus that's all.*

Dr Errol Cutajar :
*Iġifieri inti lanqas taf … lanqas taf jekk effettivament kienx Richard illi kellu l-boat u għaddiha lil Brian ?*

*Ix-Xhud :*
*Ma nidħlux fiha …*

Dr Errol Cutajar :
*Ma tidħolx fiha.*

*…*

*Il-Qorti :*
*Isma' … id-dgħajsa x'jisimha ?*

*Ix-Xhud :*
Beneto.

*Il-Qorti :*
*Le … Beneto hija l-għamla …*

*Ix-Xhud :*
*Ma nafx Beneto 43 kienet …*

*Il-Qorti :*
*Hawn hekk għandi xi ħaġa forsi tista' tispjegali l-kitba tiegħek x'inhi din ?* Foreign plates ?

*Ix-Xhud :*
*Kellha pjanċi barranin fuqha.*

*Il-Qorti :*
Fuq Beneto ?

*Ix-Xhud :*
*Kellha pjanċi … kellha pjanċi issa jew barranin jew xi jkunu … pjanċi kellha żgur … issa ma nafx x'kienu l-pjanċi le …*

*Il-Qorti :*
*Ha nifhem ftit … dgħajsa ġeneralment ikollha isem …*

*Ix-Xhud :*
*Hawn hekk għandi … iva imma ma nafux … ma nafux l-isem … jien inutli tgħidli fuq l-isem* tal-*Beneto … jekk tgħidli … isma' jekk skużani … jgħidulek*

*Silvercraft ... Silvercraft tista' tkun kbira ... tista' tkun żgħira ... jien ma nifhimx fihom ...*

...

*Dr Errol Cutajar :*
*Pero intom some how din l-iskrittura tat-13 ta' Ottubru 2009 għamiltuha tidher daqs li kieku l-boat biegħejtha inti lil Brian Darmanin tajjeb ...*

*Ix-Xhud :*
*Hekk tiġi ...*

*Dr Errol Cutajar :*
*U li għandu bilanċ xi jtik fuq din il-boat.*

*Ix-Xhud :*
*Iva hekk tiġi ... hekk tiġi."*

(fol 226 et seq-232)

64. Illi b'referenza għax-xhieda ta' Charles Bianco kif ukoll għall-iskrittura privata relattiva għal din id-dgħajsa, l-Qorti tosserva illi mhux talli s-soċjeta' attriċi ma ġabet ebda prova li kien hemm dan it-trasferiment ta' din id-dgħajsa mingħandha għal għand il-konvenuta u żewġha, talli kif jammetti l-istess Charles Bianco, Brian Darmanin qatt ma kien xtara boat mingħand is-soċjeta' rikorrenti. Dan jerġa' jikkonfermah fix-xhieda tiegħu mogħtija fis-seduta tat-18 ta' Jannar 2024 fejn huwa jgħid: *"Daqshekk hu. Imma ma biegħejthielux jien id-dgħajsa"* (fol 240 et seq).

65. Illi b'ħarsa lejn l-istess skrittura datata 13 ta' Ottubru 2009, jiġi nnutat m'hemmx referenza għall-isem tad-dgħajsa iżda kulma hemm imniżżel hija l-għamla tagħha ossia Beneteau 43. In oltre, fl-istess skrittura hemm diversi istanzi fejn hemm imniżżel il-kelma "vettura".

66. Il-Qorti tinnota illi s-soċjeta' attriċi ma ppreżentat ebda prova li din id-dgħajsa ġiet għandha jew li kienet tagħha.

67. L-unika prova prodotta hija dik miġjuba mill-istess konvenuta, liema prova tikkostitwixxi l-aħjar prova u li tinsab a fol 109-111 tal-proċess, ossia l-*Bill of Sale* li juri l-bejgħ u x-xiri ta' dgħajsa minn Kalkara Boat Yard Co Ltd għal għand Brian Darmanin, liema bejgħ sar fis-17 ta' Diċembru 2012. Magħdud ma' dan, a fol 111 ġie ppreżentat ċ-*Certificate of Malta Registry* li juri illi Brian Darmanin għandu fuq ismu bħala *sole owner* id-dgħajsa tat-tip Beneteau li ġġib l-isem ta' '4 US'.

68. Fid-dawl ta' dan kollu hawn fuq delineat, il-Qorti tqis illi ġjaladarba s-soċjeta' rikorrenti ma ġabet ebda prova illi d-dgħajsa kienet tagħha, la ġabet prova dwar liema kienet id-dgħajsa mertu tal-iskrittura tat- 13 ta' Ottubru 2009 u ġjaladarba skont l-istess *Bill of Sale* a fol 109-110 tal-proċess jidher illi din id-dgħajsa kienet inxtrat minn Brian Darmanin mingħand terzi, l-Qorti ma tistax tilqa' t-talbiet tas-soċjeta' rikorrenti għal dak li għandu x'jaqsam mal-kreditu fuq id-dgħajsa tat-tip Beneteau.

69. Il-Qorti ser tgħaddi sabiex tistħarreġ jekk il-konvenuta hijiex debitriċi fil-konfront tas-soċjeta' attriċi għal dak li għandu x'jaqsam mal-vetturi Volvo V40 u Peugeot 206.

70. Illi kif ingħad aktar 'il fuq, mhuwiex ikkontestat mill-konvenuta illi hija flimkien ma' żewġha kienet xtrat dawn l-imsemmija vetturi tat-tip Volvo V40 u Peugeot 206 mingħand is-soċjeta' rikorrenti u li l-iskritturi privati relattivi huma dawk a fol 5 u 7 tal-proċess.

71. Illi fl-affidavit tagħha l-konvenuta ssostni:

> *"Sa dakinhar, aħna żewġ deals biss kellna ma' Western, u ċioe' dik tal-Vettura Peugeot 206 illi konna xtrajna fis-sena 2006, bil-prezz ta' Lm 4950 fejn konna tajnieh Lm 100 u l-bilanċ ta' Lm 4850, kellu jitħallas skont l-istess kuntratt li jien nikkonferma li ffirmajt waħdi, u il-firma tiegħi narafha a fol 7 tal-proċess. Konna wkoll xtrajna mingħand il-Western, il-Volvo fis-sena 2010, bil-prezz ta' €9753 li konna fthemna li ser inħallsuha kif ftehmna fil-kuntratt li jinsab a fol 5 tal-proċess. Dak il-kuntratt konna ffirmajnieh jien u Brian li naraf kemm il-firma tiegħi u l-firma tiegħu.*
>
> ...
>
> *Jiena rajt ukoll l-affidavit ta' Alexander Arena, u dwar il-vettura Peugeot u Volvo nikkonferma illi l-ħlasijiet saru kif qal hu, u b'hekk illum hija dovuta mingħand Western, lili s-somma ta' € 1790.24, li tħallsu lilu żejda.*
> (fol 98-100)

72. Illi fl-affidavit ta' Alexander Arena, hu jispjega illi fuq inkarigu tal-konvenuta, għamel eżerċizzju tal-pagamenti li saru lis-soċjeta' attriċi għall-ħlas tal-vetturi. Hu jgħid illi dan l-eżerċizzju għamlu permezz tal-irċevuti maħruġin mill-istess soċjeta' rikorrenti, kif ukoll bil-bank statements tal-kont bankarju tal-konvenuta fejn kienet titħallas standing order favur is-soċjeta' attriċi. Huwa jsostni wkoll illi: *"jiena nista' nagħti rendikont preċiż ta' xi tħallas bejn Ġunju 2007 u Lulju 2018"* (fol 105).

73. Illi anness mal-affidavit tiegħu, Alexander Arena jannetti żewġ prospetti, wieħed immarkat AA4[6] li juri l-pagamenti li saru rigward il-vettura Peugeot u ieħor immarkat AA6[7] li juri l-pagamenti li saru rigward il-vettura Volvo V40.

74. Għal dak li għandu x'jaqsam mal-pagamenti relattivi għall-vettura tat-tip Peugeot 206, l-istess Alexander Arena jgħid illi : *"Illi kull pagament, sew cash, sew cheque, sew standing order dejjem kien ta' € 167.37 (Lm 71.85) u dan riferibbilment biss għall-Peugeot"* (fol 106). Huwa jżid jgħid illi: *"Illi minn dan l-eżerċizzju jirriżulta li għar-rigward il-Peugeot 206 saru, 119 pagament, għall-total ta' € 19,917. Il-kuntratt eżebit a fol 7 tal-proċess, jindika s-somma ta' Lm 4,950.00 u ċioe € 11,530.40. Allura jirriżultali illi Brian u Rosanne ħallsu € 8,386.60 iżjed milli kellhom iħallsu"* (fol 107).

75. Għal dak li għandu x'jaqsam mal-pagamenti relattivi għall-vettura tat-tip Volvo, fl-affidavit tiegħu Alexander Arena, jgħid illi: *"Illi iżda dwar il-Volvo l-pagamenti saru biss jew b'cheque personali jew cash, u li dwarhom dejjem inħarġu irċevuti minn*

[6] Li jinsab a fol 112-113
[7] Li jinsab a fol 205

*Western. Dawn il-pagamenti ma kinux dejjem fl-istess ammont kull darba, imma saru ħlasijiet b'ammonti differenti. Saru b'kollox ħames pagamenti, għal total ta' € 3,187. Illi l-kuntratt eżebit a fol 5 tal-proċess jindika s-somma ta' € 9,783.00 (Lm 4200)(skont jien ċ-ċifra kellha tkun ta' € 9,783.37, kambju minn Lm 4,200) u allura Brian u Rosanne kien fadlilhom bilanċ ta' € 6, 596.37"* (fol 107).

76. In oltre, huwa jkompli jispjega illi:

> *"Meta tgħodd flimkien dak oriġinarjment dovut fuq iż-żewġ vetturi u ċioe € 11,530.40 u € 9,783.37 dawn jiġu total ta' € 21,313.77. Meta tgħodd flimkien il-ħlasijiet illi għamlu Rosanne u Brian u ċioe' € 19,917 u € 3,187 dawn jammontaw għal € 23,104 u allura € 1,790.24. Allura dan ifisser illi Brian u Rosanne ħallsu € 1,790.24 aktar milli kien dovut lill-Western dwar dawn iż-żewġ vetturi."*

(fol 107)

77. Illi fix-xhieda tiegħu mogħtija fis-seduta tat-29 ta' Settembru 2021, Charles Bianco jgħid hekk:

> *"Emm ... kellimniha ġimgħa wara u għidtilha jien stess ... għidtilha isma' rigward il-loan fuq id-dgħajsa ... għidtilha għax l-aktar preċedenti huwa l-loan tad-dgħajsa ... għidtilha dan kien hemm ninety eight thousand (98,000) mhux lira ... żammejnieh mingħand it-tali ... għidtilha taf min irranġajtu ... għidtilha x'inhi l-posizzjoni tiegħek ... qaltli rigward il-karozza għamilthielek jien ... u għad fadal xi bilanċ fuq il-karozzi ... qaltli għax hemm hekk ... qaltli meta kkalkulajna ... qaltli ma kkalkulajniex sewwa ... qaltli għax aħna bdejna nikkalkulaw il-pagament mingħajr imgħax. Għidtilha ma tistax tikkalkulah hekk ... għax jekk il-Peugeot kienet għal ninety six (96) months ħadd mhu ħa jtik ... dak iż-żmien il-Ħeugeot inbiegħet fit-2008 ... konna qed naqilbu l-lira maltija għal euro. Jekk inbiegħet erbat elef u ħames mija (4,500) li jiġi għaxart elef (10,000) ... ħdax il-elf (11,000) ma tistax inti fir-realta tħallas ħdax il-elf u imgħax ma tħallasx fi tmien (8) snin. Ma tagħmilx sens. Emm ... u l-istess tal-Volvo."*
>
> (fol 37)

78. Il-Qorti sejra tagħmel referenza għall-iskritturi privati li jinsabu a fol 5 u 7 tal-proċess u li huma relattivi għall-vetturi in kwistjoni. Illi għal dak li għandu x'jaqsam mal-bejgħ tal-Volvo V40 jidher illi l-prezz indikat huwa dak ta' € 9,783 (Lm 4200), li *"ser jitħallsu € 153.85 għall- 84 xahar konsekuttivi inkluż l-ispejjeż amministrattivi u liċenzji"*.

79. Għal dak li għandu x'jaqsam mal-bejgħ tal-vettura Peugeot 206, l-iskrittura privata relattiva tipprovdi illi l-bejgħ huwa ta' Lm 4950, illi Lm 100 tħallset bħala parti mis-somma u d-differenza ta' Lm 4850 "*ser jitħallsu Lm 71.85 fix-xahar għall-96 xahar konsekuttivi, jinkludu ukoll trasferimenti u liċenzji tal-vettura"*.

80. Illi b'referenza għall-istatements ippreżentati minn Charles Bianco a fol 87-95, jidher illi l-pagamenti fl-ammont ta' € 153.95 u € 167.37 (relattivi għal Lm 71.85) li kellhom isiru mensili jinkludu fihom kemm "principal" kif ukoll "interest". Illi infatti, jekk wieħed iħares lejn l-istess statements hemm imniżżel : "Interest Applicable : 8%", "Fee

per payment: Euro 0.86cents". Kif ukoll illi għal dak li jirrigwardja l-vettura Volvo apparti l-"Payment in arrears-50 months" fl-ammont ta' € 7,692.50 hemm ukoll dovut "Interest in arrears- Euro 1846.20 Interest Reflects from 01/02/2017-01/02/2020" (fol 90).

81. Illi għal dak li għandu x'jaqsam mal-vettura Peugeot, fl-istess *statement* hemm miktub "Payment in arrears-36 payments € 6,025.32" u "Payment in arrears @ 8% From 01/08/2014-01/08/2020 € 2,892.00" (fol 95).

82. Il-Qorti tosserva illi a differenza ta' dak sostnut minn Charles Bianco, fl-iskritturi privati surreferiti ma kien ebda indikazzjoni illi l-konvenuta u żewġha kienu intrabtu illi jħallsu imgħax għaliex fil-pagament mensili indikat ma hemm imkien imniżżel illi dan huwa inkluż l-imgħax u kemm hija r-rata ta' imgħax applikabbli. Għaldaqstant, huwa ċar u manifest illi min jippretendi l-ħlas ta' imgħax, dan għandu jiġi mniżżel iswed fuq abjad u għandu jiġi indikat ukoll ir-rata ta' imgħax. Illi bl-ebda mod ma jista' jkun hemm inferenza illi fuq is-somma dovuta, japplika l-imgħax ġjaladarba l-imgħax ma jkunx imsemmi u miftiehem bejn il-partijiet konċernati, bħalma hu l-każ odjern.

83. Illi fl-iskrittura relattiva għall-vettura Volvo V40 hemm imniżżel illi l-pagament mensili jinkludi l-ispejjeż amministrattivi u liċenzji. Illi min-naħa l-oħra fl-iskrittura relattiva għall-vettura tat-tip Peugeot 206 hemm miktub illi l-pagamenti mensili jinkludi spejjeż ta' trasferimenti u liċenzji tal-vettura. Il-Qorti tosserva illi fiex jikkonsistu dawn l-ispejjeż la ġew speċifikati fl-iskritturi privati nfushom u lanqas ma ġew ippruvati mis-soċjeta' attriċi.

84. Illi huwa biss fl-istatements ippreżentati minn Charles Bianco illi hemm indikat li l-imgħax applikabbli huwa ta' 8% u li hemm *fee per payment* ta' Euro 0.86 cents - Liema informazzjoni din il-Qorti mhu ser tagħtiha ebda valur stante illi dak li jorbot il-partijiet hija propju l-iskrittura privata ffirmata fejn fiha ma sar ebda aċċenn għall-imgħax dovut. Il-ħlas ta' imgħaxijiet inkorsi jkun dritt tas-soċjeta' rikorrenti jekk dawn kienu naxxenti mill-ftehim - Xi ħaġa li kjarament ma kinux!

85. Il-Qorti tosserva wkoll illi fl-istess *statements* hemm ukoll indikati somom bħala interessi fuq l-arretrati bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%). Illi dawn l-ammonti jidhru aktar bħala impożizzjoni oltre fuq l-imgħax ġja impost u quindi dan huwa aġir illeċitu da parti tas-soċjeta' rikorrenti.

86. Għaldaqstant, il-Qorti ser toqgħod fuq l-ammont indikat fl-imsemmija skrittura bħala dak li huwa effettivament dovut, ossia l-ammont ta' Ewro 9,783 u l-ammont ta' Lm 4,950 li minnhom tħallsu Lm 100 b'bilanċ ta' Lm 4,850 (ekwivalenti għal € 11,530).

87. Fir-rigward il-pagamenti illi saru min-naħa tal-konvenuta, l-Qorti tqis illi l-konvenuta ressqet prova u spjegazzjoni ta' kull pagament effettwat. Illi fejn ma ġietx ippreżentata rċevuta maħruġa mingħand is-soċjeta' attriċi, ġie muri l-pagament tramite *standing order* mill-kont illi l-konvenuta għandha mal-bank Lombard Bank Malta plc. Għaldaqstant, il-Qorti hija sodisfatta u tqis illi ġiet debitament pruvata mill-konvenuta illi hija effettwat pagamenti fl-ammont ta' € 23,104.

88. In oltre, l-Qorti tosserva wkoll illi l-kontenut tal-affidavits tal-konvenuta u ta' Alexander Arena, kif ukoll id-dokumenti annessi magħhom fl-ebda mument tal-kawża ma ġew ikkontestati stante illi ma sarilhom ebda kontro-eżami.

89. Illi fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Dr Alessandro Lia noe vs Kosecp (Distribution & Business Services) Ltd***[8], il-Qorti tenniet illi:

> *"Jingħad li l-proċess tal-kontro-eżami huwa li, "a party seeks: (a) to test the veracity and accuracy of evidence in chief, given by a witness called for another party; and (b) to elicit from that witness any relevant facts which may be favourable to the case for the cross-examiner. Cross-examination designed solely to discredit the witness and to destroy or reduce his credibility, is sometimes known as 'impeachment' and is perfectly permissible (Peter Murphy, Murphy on Evidence, 7th ed., 2000; p. 509)*
>
> *L-awtur G. D. Nokes (An Introduction to Evidence, 4th ed., Sweet & Maxwell, 1967; pp.407–408) jghid li "Cross-examination has the primary object of nullifying or modifying the evidence of the witness [...] it is designed to test the accuracy of the witness's evidence [...] cross-examination gives the witness an opportunity to deal with the case for the other party. The cross-examination must show what part of the witness's evidence is contested, and the opposite version of those facts must be stated to the witness for his comment or explanation."*
>
> *L-importanza li jsir kontro-eżami hu spjegat minn Ian Dennis (Law of Evidence, Sweet & Maxwell 4th ed., 2010; p.596) f'dawn it-termini: "The cross-examiner may also wish to test and challenge the unfavourable testimony that the witness has given in chief, hoping to get the witness to modify or qualify it, or even to admit that it was a lie or a mistake."*
>
> *Issa, abbinat ma' dan, insibu ritenut li, "Failure to cross-examine a witness who has given relevant evidence for the other side is held technically to amount to an acceptance of the witness's evidence in chief. It is, therefore, not open to a party to impugn in a closing speech, or otherwise, the unchallenged evidence of a witness called by his opponent, or even to seek to explain to the tribunal of fact the reason for the failure to cross-examine [...] Accordingly, it is counsel's duty, in every case: (a) to challenge every part of a witness's evidence which runs contrary to his own instructions; (b) to put to the witness, in terms, any allegation against him which must be made in the proper conduct of the case; and (c) to put to the witness counsel's own case, in so far as the witness is apparently able to assist with relevant matters, or would be so able, given the truth of counsel's case (Peter Murphy, op. cit., p.511) ". L-istess hu l-ħsieb ta' l-awtur imsemmi fejn jirrimarka illi, "failure to cross-examine implies acceptance of the truth of the witness's testimony, as reiterated in R. v. Hart [(1932) 23 C.A.R. 202.] (G. D. Nokes, op. cit., p.407).*
>
> *Huwa minnu li dawn iċ-ċitazzjonijiet aktar 'il fuq riportati jirrigwardaw id-dritt Anglo Sassonu, pero' l-Qorti tirrimarka li dawn huma applikabbli mutatis mutandis għall-ordinament Malti. Ta' min ifakkar illi r-rit proċedurali ċivili tagħna jsib il-fonti tiegħu fid-dritt Ingliż. Il-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta) kien modellat, fil-gran parti tiegħu, fuq in-normi proċedurali Anglo-Sassoni,*

[8] Deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fil-15 ta' April 2015- Avviż. Numru: 289/2014

*normi illi ġew imħaddna fl-ordinament tagħna fi żmien meta Malta kienet tifforma parti mill-Imperu Brittaniku.*

*Fil-fatt fil-monografija "Storia della Legislazione in Malta", l-ġurista eminenti Malti Paolo De Bono (Malta, 1897) ifisser li taħt l-Imperu Ingliż, "Varie altre leggi parziali, riguardanti l'organizzazione, il procedimento, le prove giudiziarie, furono pubblicate sino al 1850. Nel quale anno la commissione legislativa nominata il 7 agosto 1848 presentò il progetto del codice di leggi organiche e di procedura civile." (p.320) u illi, "Il diritto probatorio è in gran parte modellato sul sistema inglese, giá introdotto nell'isola sin dall'anno 1825. Ma i singoli provvedimenti sono alcune volte superiori a quelli delle leggi inglesi medesime." (p.322) Importanti ferm illi l-imsemmi awtur, f'footnote għal din l-aħħar kwotazzjoni, jgħid, inter alia, hekk: "Ma lo studio delle opera de' giuristi inglesi è in questo ramo indispensabile. Ai giovani raccomando specialmente la lettura del BEST, 'The principles of the law of evidence' 8th edizione curata dal LELY (Londra 1893). È un'opera che tratta metodicamente la materia, esponendo i canoni fondamentali del diritto probatorio inglese, tracciandone le sorgenti, e mostrandone il nesso". (pp.322–323).*

*Bħala eżempju reċensjuri ta' dak hawn fuq spjegat, il-Qorti tirreferi għas-sentenza 'Lawrence Sive Lorry Sant vs In-Nutar Guze' Abela' fejn naraw li l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għamlet referenza ampja għad-duttrina Ingliża għal dak li għandu x'jaqsam mal-law of evidence relattivi għax-xhieda. Fis-sentenza ġie kwotat, l-awtur Peter Murphy (ara supra), l-opra "Modern Law of Evidence" (2nd edition) ta' Adrian Keane u l-opra ntitolata "Cross on Evidence" (2nd Australian edition). Aktar qrib żminijietna, l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti fil-kawża fl-ismijiet 'Michael Agius vs. Rita Caruana' għamlet referenza ampja għar-regoli ta' evidenza Ingliżi f'dak li jirrelata ma' produzzjoni ta' evidenza dokumentarja u l-valur probatorju tagħha.*

*Dan juri li referenza għandha ssir lejn il-prinċipji regolaturi Ingliżi fuq it-tematika tad-dritt proċedurali relattivi għall-provi u x-xhieda fil-qasam ċivili.*

*Biex nagħlqu fuq din it-tematika tal-kontro-eżami, jingħad li di natura l-kontro-eżami "is beyond any doubt the greatest legal engine ever invented for the discovery of truth(Larry S. Pozner u Roger J. Dodd, "Cross-Examination: Science & Techniques", 2nd ed., 2004; §1.02, p. 1–3)".*

90. Il-Qorti sejra issa tistħarreġ il-kontro-talba tal-rikonvenzjonanti Rosanne Darmanin Galea fejn talbet illi din il-Qorti tiddikjara illi l-konvenuta flimkien ma' żewġha separatament u/jew flimkien ħallsu lis-soċjeta' rikonvenzjonata s-somma totali ta' € 23,104 għall-akkwist ta' żewġ vetturi; tiddikjara illi l-konvenuta ħallset għalhekk flimkien ma żewġha separatament u/jew flimkien lis-soċjeta' rikonvenzjonata s-somma ta' € 1790.24 in eċċess ta' dak illi kellhom iħallsu lis-soċjeta' rikonvenzjonata u konsegwentament tikkundanna lis-soċjeta' rikonvenzjonata tħallas is-somma ta' € 1790.24 lill-konvenuta ammont imħallas in eċċess kif indikat.

91. Illi kif jispjega Alexander Arena fl-affidavit tiegħu *"Meta tgħodd flimkien dak oriġinarjment dovut fuq iż-żewġ vetturi u ċioe € 11,530.40 u € 9,783.37 dawn jiġu total ta' € 21,313.77. Meta tgħodd flimkien il-ħlasijiet illi għamlu Rosanne u Brian u ċioe' € 19,917 u € 3,187 dawn jammontaw għal € 23,104 u allura € 1,790.24. Allura dan ifisser illi Brian u Rosanne ħallsu € 1,790.24 aktar milli kien dovut lill-Western dwar dawn iż-żewġ vetturi".* Huwa għalhekk illi l-konvenuta permezz tal-kontro-talba tagħha qiegħda titlob illi din il-Qorti tikkundanna lis-soċjeta' rikonvenzjonata tħallas is-somma ta' € 1,790.24.

92. Illi referenza ser issir għas-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Gheiti and Sons Limited vs Perit Arkitett Colin Zammit***[9], il-Qorti provdiet illi:

> *"Dan il-punt dwar il-kompetenza f'kontrotalba ġie trattat fil-kawża C. Fino and Sons Limited vs Neville Bonnici et (Qorti Maġistrati 27/04/2005) fejn il-Qorti qalet hekk:*
>
> *"L-Artikoli 744 ta' l-istess Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jipprovdi hekk: 'Id-dispożizzjonijiet ta' l-aħħar artikolu qabel dan jgħoddu wkoll meta r-rikonvenzjoni għal raġunijiet oħra ma tistax tiġi proposta quddiem il-Qorti li fiha l-attur ikun ippropona t-talba tiegħu, f'dan il-każ it-talba tal-konvenut jekk tkun konnessa mat-talba ta' l-attur għal xi waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-Artikolu 396 tista' issir quddiem kull Qorti oħra kompetenti f'Malta'.*
>
> *Għalkemm dan l-istess Artikolu jagħmel ukoll riferenza għall-Artikolu 743 li jitkellem dwar il-ġurisdizzjoni li taħtha jaqa' kull rikonvenut f'kawża minnu proposta, għal raġunijiet ta' prattiċita' u anke għall-ekonomija tal-ġudizzju, l-interpretazzjoni li għandha tingħata lill-Artikolu 744 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, hija illi, meta l-kontrotalba ma tissuperax u ma teżorbitax 'il fuq mill-kompetenza tal-Qorti li qed tieħu konjizzjoni tat-talba attriċi sakemm il-kontrotalba tkun taqa' fil-binarji stabbiliti mill-Artikoli 396, 397 il-Qorti għandha l-jedd li tieħu konjizzjoni anke ta' dik il-kontrotalba u tideċidiha fl-istess ġudizzju li fih tiddeċiedi t-talba attriċi".*
>
> *Din il-Qorti ma taqbilx ma' dan l-insenjament billi għalkemm iż-żewġ kawżi jinstemgħu flimkien u dan in omaġġ għat-tendenza tal-Qorti lejn l-ekonomija tal-ġudizzju u dupplikar mhux neċessarju ta' proċeduri ġudizzjarji, wieħed irid iżomm quddiem għajnejh ukoll illi fl-istitut tar-rikonvenzjoni l-azzjoni u l-azzjoni rikonvenzjonali jitqiesu bħala żewġ azzjonijiet li kapaċi joqogħdu waħidhom f'eżistenza indipendenti w awtonoma. Għalkemm fir-rikonvenzjoni hemm konnessjoni taż-żewġ kawżi, b'daqshekk ma jfissirx u wieħed ma għandux jifhem li l-kontrotalba tkun dipendenti fuq it-talba jew in-natura tagħha. Għalhekk jekk għal xi raġuni t-talba prinċipali taqa' għal kwalsiasi raġuni, il-kontrotalba li ma titlifx minn natura tagħha ta' kawża indipendenti w awtonoma trid tkun kapaċi tgħix waħedha. F'dan il-każ hemm ostakolu insormontabbli għax l-inkompetenza tal-Qorti ratione valoris tal-kontrotalba taħt l-artikoli 47 u artikolu 748(a) tal-Kap. 12 qua kawża awtonoma mhix*

[9] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-19 ta' Mejju 2011- Rik. Numru: 1321/2010

*waħda li tista' tiġi skartata la għall-ekonomija tal-ġudizzju u anqas għal nuqqas ta' dupplikar ta' proċedura.*

*Għalhekk hi l-fehma tal-Qorti li anki din l-eċċezzjoni tas-soċjeta' attriċi għal kontrotalba tal-konvenut għandha tiġi milqugħa.*

*Għalhekk il-Qorti taqa' u tiddeċiedi billi tilqa' l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tas-soċjeta' attriċi billi tiddikjara li r-rikonvenzjoni tal-konvenut ma tissodisfax ir-rekwiżiti tal-artikolu 396 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u kwindi hi inammissibbli u wkoll peress fi kwalunkwe każ din il-Qorti hi inkompetenti li tisma' l-kontrotalba ratione valoris, u għal din ir-raġuni wkoll il-kontrotalba hi inammissibbli".*

93. Fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-ismijiet ***RX Construction Limited vs Jesmond Friggieri***[10], il-Qorti filwaqt illi tagħmel referenza għal diversi ġurisprudenza inkluż il-kawża supraċitat, tispjega illi:

*"Fil-Codice di Procedura Civile Italiano l-leġislatur Taljan ħaseb b'mod speċifiku għal x'jiġri meta l-valur tal-kontrotalba jkun jiżboq il-kompetenza tal-Qorti:*

*'Art. 36. (Cause riconvenzionali)*
*Il giudice competente per la causa principale conosce anche delle domande riconvenzionali che dipendono dal titolo dedotto in giudizio dall'attore o da quello che già appartiene alla causa come mezzo di eccezione, purché non eccedano la sua competenza per materia o valore; altrimenti applica le disposizioni dei due articoli precedenti'*

*F'każ illi l-kontrotalba tkun teċċedi l-kompetenza tal-Qorti li quddiem tkun ġiet intavolata, il-Qorti tista': - jew tirrimetti lill-Qorti Superjuri iż-żewġ azzjonijiet (i.e. it-talba u lkontrotalba) skond l-Art. 34 tal-istess Kodiċi:*

*"Il giudice, se per legge [124 c.c.] o per esplicita domanda di una delle parti è necessario decidere con efficacia di giudicato [324; 2909 c.c.] una questione pregiudiziale che appartiene per materia o valore alla competenza di un giudice superiore, rimette tutta la causa a quest'ultimo, assegnando alle parti un termine perentorio [153] per la riassunzione della causa davanti a lui [50, 307 3; disp. att. 125] (2)."*

*- jew inkella tissepara l-azzjoni oriġinali mill-kontrotalba u tirrimetti biss il-kontrotalba lill-Qorti Superjuri skond l-Art. 35 tal-istess Kodiċi:*

*"Quando è opposto in compensazione un credito che è contestato ed eccede la competenza per valore del giudice adito (1), questi, se la domanda è fondata su titolo non controverso o facilmente accertabile, può decidere su di essa e rimettere le parti al giudice competente per la decisione relativa all'eccezione Sentenza parzjali tal-11.01.2021 ECLI:MT:CIV:2021:124786 Sessjoni tal-Għid il-Ħamiem 10 di compensazione, subordinando, quando*

[10] Deċiża fil-11 ta' Jannar 2021- Rik.Numru: 231/2019

*occorre, l'esecuzione della sentenza alla prestazione di una cauzione [119]; altrimenti provvede a norma dell'articolo precedente"*

*Fil-liġi proċedurali Maltija ma' hemmx provdut b'mod speċifiku x'jiġri jekk il-kontrotalba teċċedi l-kompetenza ratione valoris tal-Qorti. Tipprovdi biss x'jiġri meta l-kontrotalba ma' tkunx taqa' taħt il-ġurisdizzjoni tal-Qrati Ċivili, f'liema każ skond l-Artikolu 743(1) "jaqa' wkoll taħt il-ġurisdizzjoni tal-qrati ta' kompetenza ċivili, kull min ikun rikonvenut f 'kawża proposta minnu."*

*Madanakollu i l-artikolu sussegwenti, ċioe l-Art. 744 tal-Kap. 12, jikkonferma illi rrikonvenzjoni testendi biss il-ġurisdizzjoni u mhux il-kompetenza tal-Qorti tant illi dan jipprovdi illi l-Art. 743(1) japplika ukoll "meta r-rikonvenzjoni għal raġunijiet oħra, ma tistax tiġi proposta quddiem il-qorti li fiha l-attur ikun ippropona ttalba (sottolinear u emfasi miżjuda)." f'liema każ, jekk naturalment il-kontrotalba tkun konnessa mat-talba tal-attur ai termini tal-Art. 396, "tista' ssir (bħala talba separata) quddiem kull qorti oħra kompetenti f'Malta" (sottolinear u emfasi miżjuda).*

*L-Art. 744 jagħmilha ċara illi jeżistu okkażjonijiet fejn ir-rikonvenzjoni ma' tkunx tista' tiġi proposta quddiem l-istess Qorti – mhux għax ma' japplikawx id-disposizzjonijiet tal-Art. 396, imma għal raġunijiet oħra – illi fil-fehma tal-Qorti jinkludu ukoll il-każ meta l-kontrotalba teċċedi l-kompetenza ratione valoris tal-Qorti. Għalhekk jkun a contrario sensu li l-Art. 744 jiġi interpretat skond kif ingħad minn din il-Qorti fil-kawża ċitata mill-intimat (C. Fino & Sons Limited v. Neville u Antoinette konjugi Bonnici) u ċioe illi "meta l-kontrotalba ma tissuperax u ma tezorbitax il fuq mill-kompetenza tal-Qorti li qed tiehu konjizzjoni tat-talba attriċi sakemm il-kontrotalba tkun taqa' fil-binarji stabbiliti mill-Artikoli 396, 397 il-Qorti ghandha l-jedd li tiehu konjizzjoni anke ta' dik il-kontrotalba u tiddeċidieha fl-istess gudizzju li fih tiddeċiedi t-talba attriċi".*

*Il-Qorti tara ukoll illi m'għandux mis-sewwa l-argument tal-intimati illi t-talba tiegħu taqa' taħt il-kompetenza ta' din il-Qorti għaliex huwa talab l-ammont ta' € 5,000 jew ammont ieħor verjuri. Għalkemm huwa minnu illi bil-frażi "ammont ieħor verjuri" l-intimat qed jistieden lill-Qorti sabiex possibbilment tillikwida somma ikbar minn dik ta' ħames elef euro, dan ma' jġibx b'daqshekk illi l-kompetenza tatTribunal għal Talbiet Żgħar ġiet eskluża għaliex kif jipprovdi l-Art. 748 tal-Kap. 12, "meta t-talba hija għall-ħlas ta' somma determinata", il-valur tal-oġġett fil-kawża huwa determinat proprju minn dik it-talba, u l-Qorti iżżid, anke jekk is-somma determinata tkun ġiet kwalifikata mir-rikorrent bħala li tista' tkun iżjed jew inqas.*

*Il-Qorti għalhekk tqis li m'għandhiex kompetenza li tieħu konjizzjoni tal-kontrotalba tal-intimat rikonvenjent."*

94. Illi fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Shana Sloane Borg vs Kenneth Azzopardi***[11], il-Qorti tenniet illi:

[11] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-12 ta' Diċembru 2014 - Rik.Numru: 334/2014

*"L-Artikolu 396 tal-Kap. 12 jipprovdi:- Fil-kawżi, l-konvenut jista' jagħmel kontro-talba kontra l-attur, basta li din il-kontrotalba tkun konnessa mat-talba tal-attur kif sejjer jingħad hawn taħt:*

*1. (a) meta l-kontro-talba tal-konvenut tkun ejja mill-istess fatt, jew mill-istess kuntratt jew titolu li minnu tkun ejja t-talba tal-attur; jew*
*2. (b) meta l-iskop tal-kontro-talba tal-konvenut huwa li jpa i l-kreditu mitlub mill-attur, jew li b'kull mod ieħor iġib fix-xejn l-azzjoni tal-attur jew li jimpedixxi l-effetti tagħha.*

*F'sentenza tal-5 ta' Ottubru 1992 fil-kawża Pierre Abela vs Joseph Depares, din il-qorti1 kkummentat hekk dwar l-Artikolu 396:*

*"L-artikolu hu redatt f'termini mill-aktar wiesgħa li jippermetti li ssir rikonvenzjoni prattikament kull fejn jirriżulta xi konnessjoni bejn il-kontendenti li jgħaqqadhom b'interess ġuridiku li mhux neċessarjament jiskaturixxi mit-termini tal-azzjoni attriċi".*

*Fis-sentenza Paul Gambin vs Frank Gambin proprio et nomine tas-27 ta' Marzu 1996, il-Qorti tal-Appell għamlet riferenza għal dak li qalet l-istess qorti fil-kawża L. Spiteri Debono nomine vs C. Darmanin (Vol. XXVII.i.886):*

*"Conseguentemente la domanda riconvenzionale puo sorgere dalla stessa convenzione ovvero dal rapporto giuridico personale donde nasce la domanda dell'attore – oppure dallo stesso titolo che e' voce assai piu estes del contratto ovvvero convenzione – oppure dal medesimo fatto che consiste nel complesso della operazione che diede causa al rapporto giuridico.... e nel senso procedurale "fatto" significa anche 'il complesso di tutte le circostanze che hanno dato causa e che formano l'oggetto di una lite'".*

*...*

*Għal dik li hi eccezzjoni ta' kompetenza ratione valoris, l-ammont pretiż mill-konvenut jaqa' taħt il-kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) (Artikolu 47 tal-Kap. 12). L-Artikolu 743(1) tal-Kap. 12 jipprovdi:*

*"Jaqa' wkoll taħt il-ġurisdizzjoni tal-qrati ta' kompetenza ċivili, kull min ikun rikonvenut f'kawża proposta minnu".*

*Imbagħad l-Artikolu 744 tal-Kap. 12 jipprovdi:-*

*"Id-disposizzjonijiet tal-aħħar artikolu qabel dan jgħoddu wkoll meta r-rikonvenzjoni għal raġunijiet oħra, ma tistax tiġi proposta quddiem il-qorti li fiha l-attur ikun ippropona t-talba tiegħu; f'dan il-każ it-talba tal-konvenut, jekk tkun konnessa mat-talba tal-attur għal xi waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikolu 396, tista' ssir quddiem kull qorti oħra kompetenti f'Malta" (enfażi miżjuda).*

*Fl-ewwel lok il-qorti tissenjala li l-Artikolu 743 tal-Kap. 12 jitratta dwar il-ġurisdizzjoni tal-Qrati Ċivili, u mhux kwistjoni dwar kompetenza ratione valoris li hi differenti. Skond il-ġurisprudenza dan il-provvediment m'huwiex jipprovdi għad-deroga tal-provvedimenti relatati mal-kompetenza tal-qrati Ċivili. F'dan il-kuntest il-qorti tagħmel riferenza għas-sentenzi:-*

*i. Tal-Qorti tal-Appell fil-kawża L. Spiteri Debono nomine vs C. Darmanin deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' April 1930 (Volum XXVII.i.886): "La riconvenzione proroga la giurisdizione ma non la competenza, i cui canoni rimangano inalterati".*

*ii. Tal-Imħallef Paolo Debono (Vol. XVI.iii.67): "Che dal testo risulta chiaro il concetto del legislatore di volere che la domanda principale e la domanda riconvenzionale siano separatamente considerate in ordine alla competenza; di maniera che il tribunale competente a prendere cognizione della prima, non tragga pero cio' solo, a se' la seconda, quando questa per materia o per valore e' fuore dei suoi limiti" (citata fis-sentenza ta' din il-qorti, Fenech vs Camilleri tal-1 ta' Dicembru 1964, Volum XLVIII.ii.1295 u tal-Qorti tal-Appell flistess kawża tal-15 ta' Marzu 1965 Volum XLIX.i.300, u mill-istess Qorti tal-Appell fil-kawża fuq hawn fuq ċitata).*

*iii. Gheiti and Sons Limited vs Perit Colin Zammit deċiża minn din il-Qorti fid-19 ta' Mejju 2011."*

95. Għal dak li għandu x'jaqsam mal-materja tal-kompetenza "ratione materiae" u "ratione valoris", interessanti l-insenjament illi joħroġ mill-kawża ***Paul u Josephine konjuġi Borg vs Jane Vassallo***[12] fejn il-Qorti sostniet illi:

*"Ibda biex anke kieku l-eċċezzjoni ma tqajmetx, l-istess jibqa' li l-Qorti kellha d-dover li tissolleva hi stess l-eċċezzjoni u tiddeċidiha, gjaladarba, kif paċifikament assodat, il-kompetenza "ratione materiae" jew "ratione valoris" hi ta' ordni pubbliku (Kollezz, Vol XXIX pII p468; Vol XLI pI p382). Jingħad infatti illi tali eċċezzjoni hi sollevabbli "ex officio" meta għar-raġuni ta' materja l-kawża ma tkunx ta' kompetenza jew ġurisdizzjoni tal-Qorti (Vol XXXIX pII p617) u, inoltre, l-inkompetenza lanqas tista' titwarrab bi ftehim bejn il-partijiet ("Patrick Grixti Soler – vs - Vincent Sultana", Appell, 27 ta' Marzu 1981).*

*Il-fatt li l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza sollevata ma ġietx ittrattata ma kienx, u ma kellux ifisser, illi l-Qorti ta' l-ewwel grad setgħet tevita r-responsabbilita` li tindaga dwarha hi stess. Dan hu hekk il-każ anke fejn konvenut ikun kontumaċi (Vol XXIX pII p293)".*

96. Illi fid-dawl tal-ġurisprudenza supraċitata, l-Qorti tqis illi allavolja ma ġietx sollevata min-naħa tas-soċjeta' rikonvenzjonata l-eċċezzjoni tal-inkompetenza ta' din il-Qorti *ratione valoris* sabiex tiddetermina t-talbiet kontenuti fil-kontro-talba tal-konvenuta, l-Qorti tiddikjara illi m'għandhiex kompetenza *ratione valoris* sabiex tiddeċiedi u tikkundanna s-soċjeta' rikonvenzjonata tħallas s-somma ta' € 1790.24 lill-konvenuta. Għaldaqstant, din il-Qorti ma tistax tilqa' t-talbiet tal-kontro-talba u dan għaliex kif

[12] Deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Diċembru 2003 - Appell Numru: 782/2001/1

diġa' ngħad m'għandhiex kompetenza illi tagħmel dan u dan minħabba li t-tielet talba kif proposta ma taqax taħt il-kompetenza ta' din il-Qorti.

**Il-Qorti**,

Wara illi rat l-atti u semgħet ix-xhieda;

Tgħaddi biex tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Għal dak li jirrigwarda t-Talba**

**Tastjeni** milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel, tat-tieni u tas-sitt eċċezzjoni tal-konvenuta;

**Tiċħad** it-tielet u r-raba' eċċezzjoni tal-konvenuta għar-raġunijiet diġa spjegati aktar 'il fuq;

**Tilqa'** l-ħames, is-seba', t-tmien u d-disa' eċċezzjoni tal-konvenuta; u għalhekk:

**Tiċħad** it-talbiet kollha tas-soċjeta' rikorrenti.

**Dwar il-Kontro Talba**

**Tiċħad** it-talbiet kontenuti fil-kontro-talba tal-istess konvenuta rikonvenzjonanti għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija;

Bl-ispejjeż ta' din il-kawża jkunu a karigu tas-soċjeta' rikorrenti.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**